**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 313/2021**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Paul Camilleri]**

**Vs**

**Abdifahid Mahahdi Mahmoud**

**Illum: 22 ta' Lulju 2022;**

Il-Qorti,

Wara li rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar it-18 ta' Mejju 2021 fejn:

> **Abdifahid Mahahdi Mahmoud,** detentur tal-permess tar-residenza Maltija 90001474A u in-numru tal-Pulizija 12Z-047.
>
> Billi hu akkuzat talli-nhar it-**28 ta' Marzu 2021** ghal habta ta' 11.30 hrs gewwa Cella 26 Div. 1 Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Abdiqani Omar Abdillahi u dan skond kif iccertifikat minn Dr. Chris Cremona MD. 3961, mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan ai termini tal-Kap 9 artikoli 214, 216(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli b'hekk sirt recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Kap 9 Artikoli 49(1) u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-prosekuzzjoni ezebit il-fedina penali, il-konnotati ta' Abdifahid Mahahdi Mahmoud, rapport tal-Pulizija u certifikat mediku ta' Abdiqani Omar Abdillahi, qed titlob li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi"[1].

Hadet nota li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuza fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2021.[2]

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-Prosekuzzjoni[3].

---

[1] Din l-akkuza tinsab a folio 1 u a folio 17 tal-process. L-akkuza bl-Ingliz tinsab a folio 2 tal-process pero' barra li hemm xi dettalji ma jaqblux hemm dettal sinifikani li ma jaqbilx, ossija id-data tal-allegat aggressjoni li skond il-verzjoni xejn felici bl-Ingliz hija **28th April 2018. Dan ifisser li hemm xhar u sena differenza f' din l-akkuza!**
[2] A folio 18 tal-process.
[3] A folio 03 tal-process.

Hadet nota tal-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar l-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar tas-sena 2022 fejn fiha elenka l-artikoli 214, 215, 216(1)(b), 49, 50, 31, 33A u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta bhala il-bazi tal-akkuza.[4]

Hadet nota ukoll tal-istqarrija tal-imputat fejn ma oggezzjonax u ta l-kunsens tieghu biex jigi iggudikat minn din il-Qorti fis-seduta tat-30 ta’ Marzu 2022[5].

Hadet nota tal-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan il-kaz jirrigwarda argument bejn zewg detenuti fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Il-vittma, Abdiqani Omar Abdillahi jallega li gie aggredit mill-imputat u li dan ikkawzalu gerha ta’ natura gravi fuq mohhu. L-allegat vittma gie invistat dak in-nhar stess tal-allegat incident, ossija fit**-28 ta’ April 2021**.

Fil-fatt il-ferita giet ikklassifikata bhala gravi per durata mid-Dottor Chris Cremona Med. Reg. 3961 li ra lill-vittma fl-istess Facilita’ Korrettiva ta’ Kordina.

**L-Atti Processwali.**

Xehed l**-ispettur Paul Camilleri** li spjega kif fit**- 28 ta’ Marzu 2021** il-Pulizija gew infurmati li kien hemm detenut fil-Facilita’ Korrettiva

[4] A folio 86 tal-process.
[5] A folio 88 tal-process.

ta' Kordin li xtaq jaghmel rapport ghax kien gie aggredit minn detenut iehor u li dan sofra xi griehi. Hu mar ikellem lill-allegat aggressur fil-**5 ta' Mejju 2021.**[6] Hemm gabar il-verzjoni tal-imputat.

Meta l-istess Spettur Camilleri rega' xehed u qal din id-darba li l-incident gara fit-**28 ta' April 2021** u zied jghid li ghalkemm fid-divizjoni fejn gara l-incident hemm kameras tas-sigurta' dawn ma qabdux l-incident ghax il-pozizzjoni taghhom hija differenti.[7]

Xehed l-espert **Dr. Mario Scerri** imqabbad minn din il-Qorti biex jevalwa il-ferita fuq il-vittma u ikkonferma li hija vizibbli *from a walking distance* u ghalhekk gravi[8].

Xehed **Clint Zahra** fizzjal li kien *on duty* fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li qal li l-incident sehh fit-**28 ta' April 2021** pero' ma kien jafx xejn prattikament fuqu. Xehed ukoll Helenio Galea li kkonferma li kemm il-vittma u l-aggressur kienu detenuti fil-Facilita'.[9]

Xehed **Dr. Chris Cremona** li kkonferma li invista lill-vittma fil-Facilita' u li l-ferita hija wahda gravi.[10] Dan ikkonferma c-certifikat mediku mahrug minnu li sar fit-**28 ta' April 2021.**

Xehed il-vittma **Abdiqani Omar Abdillahi** li spjega d-dinamika tal-incident pero' la kien jaf id-data , la ix-xahar u lpanqas is-sena meta dan gara.[11]

---

[6] A folio 19-20 tal-process.
[7] A folio 43 tal-process.
[8] A folio 34 tal-process.
[9] A folio 50 tal-process.
[10] A folio 47 tal-process.
[11] A folio 57 tal-process.

Xhedet **PS 2187 Jessica Grech** li kkonfermat ir-rapport redatt minnha a folio 6 tal-process (NPS/1496/2021). **F' dan ir-rapport ukoll jidher li l-incident sehh fit-28 ta' April 2021.**

Xehdet **l-Ispettur Sarah Zerafa** fil-15 ta' Dicembru 2021 biex tipprezenta u tikkonferma sentenza kontra l-imputat u fl-istess data gie ikkonfermat li is-sentenza ma gietx appellata.[12]

Xehed **l-Ispettur Hubert Gerada** fejn ikkonferma l-konnotati tal-imputat mal-pulizija.[13]

Xehed in kontro ezami il-vittma u hafer lill-imputat.[14]

Saret trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti thoss li ghandha tqajjem l-ewwel u qabel kollox il-punt li sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuzi kif dedotti minnha. **Dan ifisser li *in primis* hija trid tipprova li dak li qed tallega sar fid-data, lok, hin u cirkostanzi ipprospettati minnha.** Bizzejjed jinghad li l-Artikolu 390(1) tal-Kap 491 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid testwalment hekk:

> *390.(1)* ***Il-qorti għandha tisma' l-akkużi moqrija mill-Avukat Ġenerali jew mill-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva*** *u r-rapport bil-ġurament tal-uffiċjal tal-Pulizija, għandha teżamina, bla*

[12] A folio 66 u 72 tal-process.
[13] A folio 84 tal-process.
[14] A folio 90 tal-process.

*ġurament lill-imputat, u* ***għandha tisma' l-provi li jinġiebu biex isaħħu l-akkużi moqrija****. Kollox għandu jitniżżel bil-miktub.*

Issa dak li inqara lill-akkuzat huwa dak li hemm imnizzel a folio 17 tal-process u jigifieri li l-aggressjoni saret fit-**<u>28 ta' Marzu 2021</u>**! L-akkuza minghajr ebda dubbju hija inkwadrata f'data perciza. Issa ghalkemm dan mad-daqqa t'ghajn jidher punt tekniku, pero' il-provi kollha tal-Prosekuzzjoni jirrizulta li l-aggressjoni saret xahar wara ossija fit-**<u>28 ta' April 2021</u>**. **Fid-data tat-28 ta' Marzu 2021 ma saret ebda aggressjoni mill-imputat u ma kkawza l-ebda griehi lill-vittma.**

Il-gurisprudenza fuq din il-materja hija kopjuza u din il-Qorti ser telenka numru ta' kawzi tal-Qorti tal-Appell fuq dan il-punt fost hafna ohra:

**P vs Shaun Theuma Appell. Nru. 306/2010 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent DeGaetano.**

**P vs Joseph Demanuele Appell Nru. 138/2105 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima.**

**P vs Shaun Maria Mifsud Appell Nru. 273/2021 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima**

**P vs Harish Daswani Appell Nru. 315/2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herera.**

**P vs Giuseppi Desira Appell Nru. 41/ 2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera.**

**P vs Neil Zammit Appell Nru. 158/2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera.**

Il-Qort thoss li ma ghandhiex tinoltra ulterjorment fuq il-fatt tal-aggressjoni tat-28 ta' April 2021 ladarba l-akkuza qed ticcita data kompletament differenti.

**Il-Qorti thoss li ghandha tigbed l-attenzjoni lill-ufficjali prosekuturi tal-pulizija kif ukoll lill-Avukat Generali biex jaraw li dawn it-teknikalitajiet, li huma fatali, jigi indukrati u indirizzati matul il-process ghax inkella ssir ingustizzja ma' min ikun qed jistenna gustizzja minn dawn il-Qrati.**

**Hu veru li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll l-Ufficcju tal-Avukat Generali hafna drabi jahdmu u qed jahdmu f'kundizzjonijiet difficli, kif del resto qed jahdmu dawn il-Qrati, imma hu importantissimu li kemm qabel ma persuna titressaq quddiem dawn il-Qrati kif ukoll matul il-process kollu kulhadd jara li l-affarijiet qed isiru sew.**

**L-istess ghandu jinghad ghas-servizz tal-avukati tal-ghajnuna legali. Il-Qorti tistenna li l-avukati tal-ghajnuna legali jkunu preparati u jiflu il-processi sewwa qabel ma jidhru quddiemha u ma ghandux tkun il-Qorti li tinduna b'dawn l-izbalji li jafu jkunu ta' importanza enormi ghall-assistiti taghhom. Kulhadd ghandu dritt ghad-difiza xierqa anki minn jinsab fil-periferija tas-socjeta'!**

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 49(1), 50 u 33A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-ragunijiet fuq spjegati ma ssibx htija fl-

imputat u konsegwentement tilliberah mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur